# KUNSILL LOKALI ISLA

# IR-RABA' KUNSILL

# LAQGĦA NUMRU TLETIN

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar il-Ħadd 7 ta' Diċembru, 2003 fis-2.00pm .

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | xejn | | |

Din il-laqgħa tal-Kunsill ġiet imsejjħa b'urġenza minħabba li s-Supretendent tad-Distrett Patrick Spiteri xtaq jiddiskuti mal-Kunsill l-użu tal-pjazza ħdejn il-Maċina għal ħruq tan-nar mill-Kumitat tal-Festa tal-Kunċizzjoni f'Bormla.

Is-Sindku nforma lis-Supretendent li kien ġa kellmu s-Sindku ta' Bormla u anke kellhu telefonata mill-Arċipriet ta' Bormla dwar dan u jien għamilta ċara ma' kullħadd li l-Kunsill ġa ħa deċiżjoni dwar il-każ u mhux faċli li jinbidlu mil-lum għall-għada. Imma llum iddeċidejt li nerġa' nlaqqa' l-Kunsill u niddiskutu t-talba tiegħu.

Wara li l-Kunsill sema' dak li kellhu xi jgħid is-Supretendent u s-Surġent li kien qed jakkumpanjah irtiraw biex il-Kunsill setgħa jiddiskuti fil-liberta'.

Is-Sindku spjega lill-Kunsilliera dwar ir-responsabbilta' tal-każ li ma' tmurx tirrifletti ħażin għal snin oħra meta jiġi biex jinħaraq in-nar fil-festa tal-lokal.

Huwa qal li l-argument li ġab il-Kunsill biex ma' jsirx nar minħabba periklu fis-site imsemmi, tista' l-pulizija żżomm il-permessi meħtieġa. Fil-fatt min hu nkarigat min-nar tal-festa ma' tantx qablu mad-deċiżjoni tal-Kunsill.

Huwa qal li jixtieq li jinstab kompromess u nar isir għal darba minn ħdejn il-Maċina, fejn stqarr li lest li jerfa r-responsabbilita għad-deċiżjoni li kien ħa l-Kunsill fiż-żewġ laqgħat ta' qabel.

Wara diskussjoni fit-tul, il-Kunsillier Mario Mizzi ssekondat mis-Sindku Joe Casha, ppropona din il-mozzjoni :

"Għalkemm il-Kunsill għadu jemmen li d-deċlżjoni li ħa biex ma' jsirx ħruq tan-nar minn ħdejn il-Maċina fil-Konfini tal-Kunsill Lokali Isla, għadha waħda siewja u tajba, il-Kunsill jixtieq jilħaq kompromess u jagħti l-kunsens tiegħu biex jinħaraq in-nar mill-Kumitat tal-Festi ta' Bormla, nhar it-Tnejn 8 ta' Diċembru, 2003 darba waħda biss jew waqt id-dħul jew il-ħruġ ta' l-istatwa tal-Madonna tal-Kunċizzjoni."

Min-naħa l-oħra l-Kunsillier Charmaine Gerada ma' kienitx qed taqbel li d-deċlżjoni li kien ħa l-Kunsill qabel (Ref. ) ma' tinbidilx minħabba s-sigurta' u s-saħħa tal-Kommunita' Sengleana hija responsabbilta' tal-Kunsill.

Infatti l-Kunsillier Charmaine Gerada ssekondata mill-Kunsillier Reno Chircop, kontro mozzjoni li tgħid :

"La darba l-Kunsill kien diġa ħa deċlżjoni f'dan ir-rigward għal darba darbtejn, id-deċiżjoni tal-Kunsill għandha tibqa' fis-seħħ skond ilproċeduri mniżżla fil-Liġl tal-Kunsilli Lokali"

Is-Sindku ressaq din il-kontro mozzjoni għall-vot :

| | |
|---|---|
| Favur | 2 |
| Kontra | 2 |
| Astensjoni | 1 |

Is-Sindku tefa' l-casting vote tiegħu li kien kontra, għaldaqstant din il-kontro mozzjoni ma' għaddietx.

Wara s-Sindku ressaq il-mozzjoni oriġinali mressqa mill-Kunsillier Mario Mizzi ssekondat mis-Sindku Joe Casha għall-votazzjoni :

| | |
|---|---|
| Favur | 2 |
| Kontra | 2 |
| Astensjoni | 1 |

Is-Sindku tefa' l-casting vote tiegħu li kien favur, għaldaqstant il-Kunsill approva din il-mozzjoni.

Il-Kunsill permezz tas-Segretarju Eżekuttiv informa minnufih lis-Supretendent b'din id-deċiżjoni b'ittra kif kien miftiehem.

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet fit-3.15pm b'dan l-item fuq l-agenda.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________ ________________________

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv